# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Tnejn u għoxrin (22) ta’ Novembru 2022**

**Rikors Numru 179/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Maria Grazia Caruana (KI. 144259 M)**
**Blanche Anne Caruana (KI. 519560 M)**
**Mario Joseph Caruana (KI. 887845M)**
**Tabib Paul Caruana (KI. 63163M)**
**Patricia Caruana (KI. 705961M)**
**Joseph Caruana (KI. 626857M)**
**Anna Caruana (KI. 63063M)**
**Tabib Anthony Caruana (KI.677652M)**

**Vs**

**L- Avukat tal-Istat**

**Josephine Mifsud (ID 407337 M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta’ Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

*i. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji uniċi tal-fond 21 ġia 7, Triq Santa Katerina, Żejtun, liema fond huma akkwistaw mill-eredità tal-mejjet missierhom it-Tabib Dottor*

*Joseph Caruana li miet fis-26 ta' Ottubru 1987 u li l-wirt tiegħu ddevolva permezz ta' tlett testmenti fl-atti tan-Nutar John Tabone Adami tat-23 ta' Ġunju 1973 u tat-8 ta' Ġunju 1979 u 29 ta' Ġunju 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, li kopji tagħhom huma hawn annessi u mmarkati bħala 'Dokument A', 'Dokument B' u 'Dokument C'.*

*ii. Illi ai termini tal-istess testmenti, t-Tabib Joseph Caruana ħalla in użufrutt il-ġid tiegħu kollu lil martu Margherita Maria Caruana li mietet fil-21 ta' Jannar 2017 skond ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument D'.*

*iii. Illi d-denunzja tat-Tabib Dottor Joseph Caruana ġiet debitament denunzjata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'denunzja nru. 629/88, u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dokument E'.*

*iv. Illi t-Tabib Dottor Joseph Caruana wiret il-proprjetà in kwistjoni mingħand ħuh l-Avukat Dottor Antonio Caruana, u l-fond in kwistjoni ppervjena lilhom b'kuntratt ta' diviżjoni tal-14 ta' Marzu 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima, hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument F'.*

*v. Illi fost l-eredi tat-Tabib Joseph Caruana kien hemm ibnu John Caruana li miet fit-3 ta' April 2019 skond ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument G' u l-wirt tiegħu ddevolva permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Malcolm Camilleri, hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument H' fejn innomina lir-rikorrenti f'isimha indaqs bejniethom.*

*vi. Illi d-dikjarazzjoni causa mortis tal-ereditàtal-mejjet John Caruana ġiet debitament ppublikata b'kuntratt tal-11 ta' Ġunju 2020 fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri, hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument I'.*

*vii. Illi konsegwentement, il-fond in kwistjoni huwa proprjetà ta' ottava parti indiviża tal-istess rikorrenti.*

*viii.Illi jrid jingħad illi l-fond in kwistjoni kien oriġinarjament mogħti b'konċessjoni enfitewtika temporanja tas-17 ta' Awwissu 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, versu ċens annwu u temporanju ta' Lm30.00c fis-sena, pagabbli kull 15 ta' Awwissu, lir-raġel tal-intimata Josephine Mifsud, ossia Antonio Mifsud, u dan kif jirriżulta mid-'Dokument J' hawn anness.*

*ix. Illi din il-konċessjoni enfitewtika temporanja skadiet fl-14 ta' Awwissu 1977 u Antonio Mifsud baqa' jikri l-fond mingħand l-Avukat Dottor Antonio Caruana. Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) Rikors Numru 130/18TA fl-ismijiet Paul Farrugia (K.I. 374157M) vs Avukat Ġenerali u Salvina Grech (K.I. 0466239M), deċiża fis-26 ta' Ġunju 2020, din il-Qorti ddeċidiet illi jekk l-intimati baqgħu jgawdu kera qabel l-introduzzjoni tal-Att XXIII tal-1979, huma d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li japplikaw u mhux il-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*x. Illi konsegwentement, l-intimat Antonio Mifsud baqa' jgawdi l-fond b'titolu ta' kera mill-15 ta' Awwissu 1977 sa mewtu u sussegwentement minn martu l-intimata Josephine Mifsud.*

*xi. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirriżulta mid-'Dokument K' hawn anness.*

*xii. Illi l-imsemmi fond illum għandu kera ta' €209.00c fis-sena.*

*xiii.Illi kif fuq ingħad, l-kera li l-intimata Mifsud qed tħallas a tenur tal-liġi jammonta għal €209.00c fis-sena, meta l-valur lokatizzju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjonijiet ġew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

*xiv. Illi ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944, ir-rikorrenti u l-antekawża minnu ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni fis-suq stante illi l-kera tar-residenzi ta' fondi li ma kinux dekontrollati ossia li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma setgħu qatt jiżbqu l-valur lokatizzju ta' dak li l-fond seta' jġib fl-4 ta' Awwissu 1914.*

*xv. Illi ai termini tal-istess liġi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera għandha tiżdied biss kull tlett snin b'mod proporzjonali għal mod li bih ikun jiżdied l-Indiċi ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022, liema awmenti huma tenwi għall-aħħar.*

*xvi. Illi l-protezzjoni mogħtija lill-inkwilin intimata Mifsud bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex ġusti u ma jikkreawx bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabbilit fil-liġi u għalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

*xvii. Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawn l-aħħar deċenni u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

*xviii. Illi r-rikorrenti m'għandhiex rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax iżżid il-kera b'mod ekwu u ġust skond il-valur tas-suq illum, stante illi dak li effettivament huwa jista' jitlob li jirċievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*xix. Illi dan kollu ġia ġie determinat fil-kawżi Amato Gauci Vs Malta no. 47045/06 deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u Lindheim and others Vs Norway nru. 13221/08 u 2139/10 deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012 u Zammit and Attard Cassar vs Malta applikazzjonu nru. 1046/12 deċiża fit-30 ta' Lulju 2015; Anthony Debono et vs Avukat Ġenerali et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Mejju 2019; u Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019.*

*xx. Illi ġialadarba r-rikorrenti qed jsofri minn nuqqas ta' "fair balance" bejn l-interessi ġenerali tal-komunita' u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deċiż b' Beyeler vs Italy nru. 33202/96, J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom [GC], nru. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III) u għalhekk hemm leżjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalita kif ġie deċiż f'Almeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal nru. 41696/07 § 27 u 44 tal-21 ta' Diċembru 2010.*

*xxi. Illi r-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza flagranti mad-dritt tas-sid għall-użu tal-proprjeta tiegħu stante illi dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilini u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bħala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjetà fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (vide Hutten-Czapska vs Poland [GC], nru.*

*35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, Bitto and Others vs Slovakia, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u R&L, s.r.o. and Others §108).*

*xxii. Illi lanqas huwa ġust u ekwu illi l-fond in kwistjoni għandu jkollu l-istess valur lokatizzju impost bil-liġi ai termini tal-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*xxiii. Illi l-valur lokatizzju tal-post huwa ferm ogħla minn dak li l-liġi imponiet li r-rikorrenti għandhom jirċievu, b'tali mod illi bid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI tal-1995 u l-emendi li saru bl-Att X tal-2009 jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 1 tal-Protocol Nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk il-Liġi fuq imsemmija għandha tiġi ddikjarata anti-kostituzzjonali u għandha tiġi emendata, kif del resto diġa ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Amato Gauci vs Malta – deċiża fil-15 ta' Settembru, 2009 u Zammit and Attard Cassar vs Malta deċiża fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*xxiv. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġa' kellha okkażjoni tikkummenta diversi drabi f'każi li rrigwardaw lil Malta li għalkemm m'hemmx dubju li l-Istat għandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, li ndividwu jiġi privat mill-użu liberu tal-proprjeta' għal ħafna snin u fil-frattemp jirċievi kera miżera, jammonta għall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawża "Ghigo vs Malta", deċiża fis-26 ta' Settembru 2006, il-Qorti sabet li jeżisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni għaliex ir-rikorrenti ġie privat mill-proprjeta' tiegħu tnejn u għoxrin (22) sena qabel u kien jirċievi ħamsa u ħamsin (55) Euro fis-sena bħala kera. Fis-sentenza "Fleri Soler et vs Malta", mogħtija fl-istess data, l-istess Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ġie leż u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kif ġara wkoll fil-kawża ta' "Franco Buttigieg & Others vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2018 u "Albert Cassar vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta' Jannar 2018.*

*xxv. Illi b'sentenza deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Nru. 89/18 LM fl-ismijiet Anthony Debono et vs l-Avukat Ġenerali et, fit-8 ta' Mejju 2019, din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet illi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi tal-Att X tal-2009 jilledu d-drittijiet kostituzzjonali tas-sidien stante li ma nżammx proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, u li s-sidien mhux qed jirċievu l-kera ġusta fis-suq, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali ġie kkundannat iħallas danni ta' €20,000 lir-rikorrenti oltre l-ispejjeż kollha tal-kawża, u l-istess ġie deċiż fil-kawża Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Marzu 2020.*

*xxvi. Illi fil-kawża Rikors Nru. 39/18 FDP fl-ismijiet George Olof Attard et vs Avukat Ġenerali et deċiża finalment mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-21 ta' Novembru 2019 u mhux appellata, din l-Onorabbli Qorti, f'ċirkostanzi simili għal dawk odjerni, iżda fejn il-ksur lamentat sab l-oriġini tiegħu fid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk xorta waħda japplika l-istess insenjament għall-każ odjern, il-Qorti saħansitra laqgħet it-talba biex jiġi żgumbrat l-intimat Edgar Warrington u kwindi jingħata pussess liberu lir-rikorrenti tal-fond in kwistjoni u ordnat lill-istess Edgar Warrington jiżgombra l-fond u dan entro sitt xhur mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimat li jħallas lir-rikorrenti kera ta' sebgħa mitt Euro (€700) fix-xahar mid-data tas-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti.*

*xxvii. Illi in vista tal-każistika surreferita, saħansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u in vista tal-fatt illi ċertament li ma hemm ebda dubju illi r-rikorrenti qed isofri leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu ta' proprjeta' kif sanċiti bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istess għandha tagħmel din l-Onorabbli Qorti u għandha oltre illi tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju sodisfaċenti għall-ksur lamentat, tordna l-iżgumbrament tal-intimata Mifsud mill-fond de quo.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:-*

*I. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Josephine Mifsud (K.I. 407337M) għall-fond 21 ġia 7, Triq Santa Katerina, Żejtun, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent għandhom jingħataw r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.*

*II. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' 21 ġia 7, Triq Santa Katerina, Żejtun bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk tagħti lir-rikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.*

*III. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 li ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk ta' l-inkwilin, stante illi ma rriflettewx is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni ai termini tal-Liġi.*

*IV. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Liġi.*

*V. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-23 ta' April 2021 l-**Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto peress li ma huwa minnu xejn li r-rikorrenti ġarrbu xi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom abbażi tat-tħaddim tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009. Filwaqt li l-esponent jikkontesta minn issa li l-kirja in mertu hija regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jinkombi fuq ir-rikorrenti li fil-perkors tat-trattazzjoni tal-kawża jinġabu provi xierqa li juru kif l-fond 21, ġia 7, Triq Santa Katerina Żejtun huwa tassew soġġett għall-kirja protetta taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Subordinament u dejjem jekk jirriżulta li hemm kirja protetta taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kienu l-antekawża tar-rikorrenti stess li liberament u konxjament ikkuntrattaw kirja mal-intimati meta suppost kienu jafu sewwa li dik il-kirja kienet ser tkun waħda protetta bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Jinkombi fuq ir-rikorrenti wkoll li jippruvaw li l-ante-kawża tagħhom kienu 'kostretti' li jikru l-fond lill-antekawża tal-intimata. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-ilmenti tar-rikorrenti ma għandhomx jiswew għaliex il-protezzjoni tal-kirja ma tkunx xi ħaġa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti b'mod imġiegħel mill-Istat, iżda tkun konsegwenza naturali tal-għażla ħielsa tal-antekawża tar-rikorrenti li aċċettaw li jidħlu f'dak l-għamla ta' kuntratt;*

*3. F'kull każ ma jista' qatt jinstab ksur għaż-żmien tat-terminu oriġinali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja. Kull ilment marbut mal-kundizzjonijiet imposti fit-terminu oriġinali tal-konċessjoni emfitewtika huwa direttament attribwibbli għall-ftehim li kkuntrattaw l-ante-kawża tar-rikorrenti u dan dejjem skont il-prinċipju fondamentali ta' pacta sunt servanda;*

*4. Lanqas ma jista' jinstab ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għal dawk il-perjodi li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda jedd li jirċievu l-kirja mingħand l-intimata Mifsud jew l-ante-kawża tagħha. Minn kif dikjarat fit-tieni premessa tar-rikors kostituzzjonali, omm ir-rikorrenti gawdiet l-jedd tal-użufrutt fuq il-fond in mertu sad-data tal-mewt tagħha ossia l-21 ta' Jannar 2017. Jiġi b'hekk li sal-21 ta' Jannar 2017, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda jedd fil-liġi li jiġbru l-kera mingħand l-intimata Mifsud jew l-ante-kawża tagħha;*

*5. Bla ħsara għas-suespost, anke għall-perjodu ta' meta r-rikorrenti akkwistaw il-jedd li jibdew jirċievu l-kera, id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti xorta waħda ma ġewx mittiefsa;*

*6. Strettament mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u b'referenza għall-premessi fejn jintqal li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jiġi eċċepit minn issa li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ din l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt issib ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan qiegħed jintqal għaliex kemm id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dawk tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta daħlu fis-seħħ qabel il-1962 u għaldaqstant kemm l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini kif ukoll il-Kodiċi Ċivili huma mħarsa bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, «Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)». Jiġi b'hekk li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari ma jista' qatt jinsab ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*7. Fit-tieni lok u dejjem bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, safejn imbagħad ir-rikorrenti qed jattakkaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 16 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta mill-lenti tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent iwieġeb li skont il-proviso ta' dan l-artikolu protokolari l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli – li żgur mhux il-każ;*

*Il-Kap 16 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom: (i) għan leġittimu għax joħorġu mil-liġi; (ii) huma fl-interess ġenerali għax huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u (iii) jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod ġenerali;*

*Illi dwar l-ilment marbut mal-ammont tal-kera, jingħad li l-artikolu 1531Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi mekkaniżmu xieraq ta' kumpens u konsegwentement l-ilment dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità mhuwiex ġustifikat;*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*8. Illi bla ħsara għal dak sueċċepit ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-30 ta' April 1987. Dan qed jingħad għaliex skont l-artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin;*

*9. La m'hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, jsegwi li l-ebda talba ma għandha tiġi milqugħa;*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permess mil-liġi.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

3. Rat illi fis-16 ta' Settembru 2021, l-Avukat tal-Istat ippreżenta is-segwenti eċċezzjonijiet ulterjuri.

*1. Illi bla ħsara għal dak ġia eċċepit, mal-miġja tal-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ma jistgħux iżjed jilmentaw dwar il-fatt li l-kirja in kwistjoni ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, r-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-Bord li Jirregola l-Kera, li l-kera tiġi miżjuda għall-ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) lis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matula tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda fil-kera bir-rata qrib it-2% żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sidien u tal-kerrej u dan partikolarment meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa f'dan il-każ. F'każijiet bħal dawn il-kumpens dovut lis-sid minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ħwejġu, jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq. Illi b'żieda ma dan kollu, skont l-istess artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, sidien bħar-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kirja, jekk juru l-inkwilini ma ħaqqhomx protezzjoni mill-Istat;*

*2. Illi konsegwentement u kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-intimata qed tokkupa l-fond in mertu bis-saħħa Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex issib ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvcnzjoni Kwropea wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021. Għall-istess raġunijiet din il-Qorti lanqas m'għandha tiddikjara li d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma nulli u mingħajr effett fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti lanqas ma għandha tgħaddi biex tiddikjara li l-intimata ma tistax tibqa' tistrieħ aktar fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. Rat illi fid-29 ta' April 2021, l-intimata Maria Dolores Darmanin irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*1. Preliminarjament, l-intimata Josephine Abela m'hijiex il-leġittima kuntradittur tat-talbiet tar-rikorrenti, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji kollha provduti mil-liġi qabel ma ntavolaw dawn il-proċeduri;*

*3. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari suesposta u sussidjarjament, kwalunkwe azzjoni li tallega li leġislazzjoni tirriżulta fi vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem u f'dan il-każ odjern vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tiġi diretta kontra l-Istat u mhux kontra individwi;*

*4. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti u sussidjarjament, jekk jirriżultaw xi danni, dawn id-danni qatt ma jistgħu jiġu attribwiti lil jew jiġi mitluba mill-intimata Josephine Abela iżda se mai kwalsiasi talba ta' kumpens għal danni riżultanti minn leġislazzjoni għandha tintalab mill-Istat u l-Istat ma jkollux il-fakulta ta' azzjoni kontra l-eċċipjenti;*

*5. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet din l-azzjoni odjerna m'għandha qatt tintuża jew ikollha xi effett biex tattakka t-titolu li tgawdi l-eċċipjenti fuq il-fond inkwilinat;*

*6. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, fil-mertu, l-intimata Josephine Abela tgawdi titolu tajjeb ta' kera u dejjem ħallset il-kera b'mod regolari lir-rikorrenti jew il-predeċessuri tagħhom dejjem aċċettaw;*

*7. L-intimata Abela m'għandhiex tbagħti spejjeż.*

*8. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu skond il-liġi.*

## Provi:

5. Rat l-affidavit ta' **Maria Grazia Caruana** ippreżentat fl-24 ta' Frar 2021 (fol 8).

6. Rat li ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit nominat mill-Qorti, il-Perit **Elena Borg Costanzi** ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2021 u maħluf fis-27 ta' Settembru 2021 (fol 139).

7. Rat id-domandi in eskussjoni tal-Avukat tal-Istat ippreżentati fit-28 ta' Settembru 2021 (fol 166-167).

8. Rat it-tweġibiet li ġew ippreżentati għad-domandi in eskussjoni tal-Avukat tal-Istat ippreżentati fit-28 ta' Ottubru 2021 (fol 169).

9. Semgħet ix-xhieda, in kontro eżami, ta' Maria Grazia Caruana mogħtija fit-22 ta' Frar 2022 (fol 183).

10. Rat illi fit-22 ta' Frar 2022 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ippreżentata fis-6 ta' April 2022 (fol 186).

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-11 ta' Mejju 2022 (fol 199).

**Fatti tal-każ**

13. Jirriżulta li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 21, ġia 7, Triq Santa Katerina Żejtun, liema fond kien oriġinarjament jappartjeni lil missier ir-rikorrenti, it-tabib Dr. Joseph Caruana li miet fis-26 ta' Ottubru 1987. Jirriżulta li l-wirt tiegħu iddevolva fuq ir-rikorrenti permezz ta' tlett testmenti, Dok A fol 11, testment tat-23 ta' Ġunju 1973, Dok B fol 17 testment tat-8 ta' Ġunju 1979 u Dok C testment tad-29 ta' Ġunju 1982 (fol 120).

14. Jirriżulta li d-denunzja tat-tabib Joseph Caruana saret permezz ta' denunzja numru 629/88 - Dok E (fol 23).

15. Jirriżulta wkoll li t-Tabib Joseph Caruana, illum defunt, kien wiret l-imsemmija proprjetà` mingħand ħuh, l-Avukat Antonio Caruana u l-fond ipprevjena lilhom b'kuntratt ta' diviżjoni tal-14 ta' Marzu 1994 a fol 62 tal-proċess.

16. Jirriżulta wkoll li mill-eredi tat-Tabib Joseph Caruana, ibnu John Caruana miet fit-3 ta' April 2019, kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt Dok G u l-wirt ta' John Caruana iddevolva fuq ħutu kif jidher fit-testment datat 29 ta' Awissu 2006 (fol 73).

17. Jirriżulta li d-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-eredita` tad-defunt John Caruana ġiet ippubblikata b'kuntratt datat 11 ta' Ġunju 2020 (fol 75 tal-proċess).

18. Illi għalhekk jirriżulta li l-imsemmi fond huwa proprjeta` tar-rikorrenti f'mod ugwali bejniethom f'porzjon ta' ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed.

19. Jirriżulta li l-fond in kwistjoni, li ma kienx fond dekontrollat (fol 114), kien oriġinarjament ingħata b'konċessjoni enfitewtika temporanja fis-17 ta' Awissu 1970 (fol 110) versu ċ-ċens annwu temporanju ta' LM30 fis-sena lir-raġel tal-intimata Josephine Mifsud, ossija Antonio Mifsud. Jirriżulta li din il-konċessjoni enfitewtika temporanja ingħatat għal sabtax-il sena b'hekk skadiet f'Awissu 1987. Iżda, l-inkwilini Antonio Mifsud u martu l-intimata Josephine Mifsud baqgħu fl-imsemmi fond bis-saħħa tal-leġislazzjoni viġenti. Wara l-mewt ta' Antonio Mifsud, għad hemm l-intimata Josephine Mifsud tirrisjedi fil-fond mertu ta' dan il-każ, u l-kera mħallsa illum hija ta' Ewro 209.00 fis-sena.

20. Jirriżulta li ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit nominat mill-Qorti, il-Perit Elena Borg Costanzi fejn il-valur tas-suq tal-fond 21 ġia 7, Triq Santa Katerina Żejtun, illum il-ġurnata ġie stmat għal valur ta' Ewro 380,000.

21. Il-Perit Elena Borg Costanzi ikkonstatat ukoll il-valur lokatizzju tal-fond matul is-snin, mill-1987 sas-sena 2021, fir-rapport tagħha:

- Il-valur lokatizzju fl-1987-1992 kien ta' Ewro 600 fis-sena.
- Il-valur lokatizzju fl-1993-1998 kien ta' Ewro 1,950 fis-sena.
- Il-valur lokatizzju fl-1999-2004 kien ta' Ewro 2,850 fis-sena.
- Il-valur lokatizzju fl-2005-2010 kien ta' Ewro 4,800 fis-sena.
- Il-valur lokatizzju fl-2011-2016 kien ta' Ewro 7,700 fis-sena.
- Il-valur lokatizzju fl-2017-2021 kien ta' Ewro11,400 fis-sena.

**Ikkunsidrat**

22. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qegħdin, permezz tal-azzjoni preżenti, jilmentaw li l-operazzjonijiet tal-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti m'humiex jagħti l-opportunita` lis-sidien li jirċievu kera xierqa skont il-valur lokatizzju tal-lum, u qed jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Josephine Mifsud għall-imsemmi fond, konsegwentement ir-rikorrenti qed jikkontendu li dan qed jikser L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (L-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

23. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimata Josephine Mifsud laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti billi qajmet s-segwenti difiżi:

    1) Preliminarjament, l-intimata mhijiex l-leġittimu kontradittur, għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.
    2) Illi preliminarjament ir-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji qabel intavolaw dawn il-proċeduri.
    3) Kwalunkwe azzjoni li tallega li hemm vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem abbażi tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għandha tiġi diretta kontra l-Istat mhux kontra l-individwi.
    4) Id-danni mitluba f'dan il-każ qatt ma jistgħu jiġu attribwiti jew mitluba mill-intimata Mifsud, se mai kwalsiasi talba għal kumpens għandha tintalab mill-Istat.
    5) Din il-kawża m'għandhiex tintuża biex ikollha effett jew tattakka t-titolu ta' inkwilinat li tgawdi l-intimata Josephine Mifsud.
    6) L-intimata Mifsud tgawdi titolu tajjeb ta' kera u dejjem ħallset il-kera b'mod regolari.
    7) L-intimata m'għandhiex tbati spejjeż.

24. **Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari**, l-intimata sostniet li mhijiex il-leġittimu kontradittur.

25. Fl-ewwel lok, jingħad, li mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat li l-intimata Mifsud imxiet mal-liġijiet viġenti, b'hekk bl-ebda mod m'għandha tinstab ħatja ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

26. F'dan il-kuntest, huwa relevanti dak ritenut fil-ġurisprudenza nostrana. Il-qofol ta' azzjoni ta' ilment dwar ksur ta' jedd fundamentali huwa l-għoti ta' rimedju xieraq għal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur. (Ara **Raymond u Geraldine Cassar Torreggiani vs A.G. et** deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013) f'dan il-każ kompla jingħad hekk:

> *"Illi l-Qorti tagħraf il-fatt li l-kwistjoni dwar min għandu iwieġeb għall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha żmien tkidd lil min ikun inolut f'kawża bħal dawn. Biż-żmien tfasslu, regoli ta' prattika biex jingħaraf kontra min kawża bħal din imissha titressaq……il-ħsieb dejjem kien……biex jiġi mistħarreġ min tassew jista' jagħti r-rimedju f'każ li jirriżulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wieħed mistħoqq."*

27. Infatti, huwa prinċipalment obbligu tal-Istat u mhux tal-inkwilin li jassigura li d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ma jinkisrux. Mhux obbligu tal-intimata bħala inkwilin, li tara li l-liġijiet tal-pajjiż ikunu konduċenti għal sistema ġusta ta' kera. Għalhekk, in vista ta' dawn il-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza u in vista tal-fatt, li evidentement, il-każ odjern huwa wieħed li jindirizza prinċiplament il-ksur ta' jedd ta' dritt fundamentali, fil-każ odjern, l-Istat huwa responsabbli ta' ksur ta' jedd fundamentali ta' proprjeta`, u mhux l-intimata.

28. Madankollu, l-intimata għandha kull interess u kull dritt li tressaq id-difiżi tagħha f'dan il-każ. Għalhekk, għandha kull interess tkun parti fil-kawża.

29. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata Mifsud.

30. **Dwar it-tieni eċċezzjoni** preliminari, ġie sostnut li r-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli.

31. Jiġi ikkunsidrat, li r-rikorrenti setgħu irrikorrew għall-Bord Li Jirregola l-Kera, sabiex tiġi aġġustata l-kera. Madankollu, kemm-il darba kienu jirrikorru għall-Bord li Jirregola l-Kera sabiex togħla l-kera tal-kirja in kwistjoni, il-Bord tal-Kera jista' jistħarreġ biss kwistjonijiet bejn is-sid u l-inkwilin, u bl-ebda mod ma jista' jistħarreġ ilmenti Kostituzzjonali b'referenza għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Minn qari tal-premessi u tat-talbiet fil-każ in eżami, jidher evidentement, li r-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tad-drittijiet fundamentali, li jista' jiġi mistħarreġ biss minn din il-Qorti Sede Kostituzzjonali, u mhux mill-Qrati ordinarji.

32. Għalhekk, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimata.

33. **Dwar it-tielet eċċezzjoni**, ġie sostnut li l-azzjoni li tallega ksur ta' drittijiet fundamentali abbażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tiġi diretta

kontra l-Istat mhux kontra l-intimata. Kif diġa' ritenut, l-intimata imxiet mal-Liġijiet viġenti, għalhekk ma jistax jinstab li hemm leżjoni da parti tagħha.

34. Għalhekk, tilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' l-intimata Mifsud.

35. **Dwar ir-raba' eċċezzjoni**, ġie sostnut, li ebda danni ma jistgħu jiġu attribwiti jew mitluba mill-intimata Mifsud, iżda dan għandu jintalab mill-Istat. Kif diġa' ritenut, l-intimata imxiet mal-liġijiet viġenti, ottemporat ruħha ma' dak provdut fil-liġijiet, b'hekk m' għandhiex tinstab ħatja ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

36. Tilqa' r-raba' eċċezzjoni ta' l-intimata Mifsud.

37. **Dwar il-ħames eċċezzjoni**, ġie sostnut din l-azzjoni m'għandhiex ikollha effett fuq it-titolu ta' inkwilinat ta' l-intimata. Jiġi osservat, li din hija kawża kostituzzjonali għal kumpens jekk jinstab li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Għalhekk, l-istħarriġ fil-mertu, minn din il-Qorti huwa strettament u speċifikatament fuq din il-materja.

38. Għalhekk, tilqa' l-ħames eċċezzjoni ta' l-intimata.

39. **Dwar is-sitt eċċezzjoni**, ġie eċċepit, li l-intimata tgawdi titolu tajjeb ta' kera u dejjem ħallset il-kera li dejjem ġiet aċċettata mir-rikorrenti u l-ante kawża tagħhom.

40. Mhuwiex ikkontestat li l-kera baqgħet tiġi aċċettata matul is-snin. Iżda l-fatt li dejjem tħallset il-kera u li ġiet aċċettata, ċertament ma jimpinġix fuq l-istħarriġ li jrid isir f'każ Kostitzzjonali ta' din ix-xorta, dwar jekk hemmx vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jew le.

41. Għalhekk, tiċħad is-sitt eċċezzjoni ta' l-intimata.

42. **Dwar is-seba' eċċezzjoni**, ġie sostnut, li l-intimata m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dan il-każ.

43. Din il-Qorti, abbażi ta' dak diġa' enunċjat, li l-intimata ottemporat ruħha mal-liġijiet viġenti, u ma jistax jinstab li hemm vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali da parti tagħha. Għaldaqstant, m'għandhiex tiġi addebitata l-ispejjeż ta' dan il-każ.

44. Għalhekk, tilqa' s-seba' eċċezzjoni ta' l-intimata Josephine Mifsud.

**Eċċezzjonijiet Preliminari tal-Avukat tal-Istat**

45. Preliminarjament, l-Avukat tal-Istat tramite l-eċċezzjoni preliminari, qed isostni li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto, peress li ma huwa minnu xejn li r-rikorrenti ġarrbu ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħhom abbażi tat-tħaddim tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009. Għalhekk, qed jiġi eċċepit li r-rikorrenti għandhom jipprovaw li l-kirja in kwistjoni hija tassew protetta taħt il-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex jinsab ikkontestat li l-kirja hija regolata mill-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

46. Jirriżulta kif allegat mill-istess rikorrenti fil-premessi, li kienet ingħatat konċessjoni enfitewtika temporanja fis-17 ta' Awissu 1970, fir-rigward tal-imsemmi fond, 21 ġia 7, Triq Santa Katerina Żejtun, liema konċessjoni enfitewtika ingħatat għal terminu ta' sbatax-il sena. Skont Dok J eżebit fl-atti mill-istess rikorrenti, mar-rikors promotur, jirriżulta li ladarba din il-konċessjoni enfitewtika ngħatat għal terminu ta' sbatax-il sena kellha tiskadi f'Awissu 1987. Madankollu r-rikorrenti, fid-disa' premessa, sostnew li din il-konċessjoni enfitewtika skadiet fl-14 ta' Awissu 1977. Fl-istess premessa, ir-rikorrenti irreferew għall-każ 130/18TA fl-ismijiet Paul Farrugia vs Avukat Ġenerali et, deċiż fis-26 ta' Ġunju 2020, u sostnew li jekk l-intimati baqgħu jgawdu kera qabel l-introduzzjoni tal-Att XXIII tal-1979, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap 69 u mhux tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

47. Kif tajjeb sottomess mill-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet, tiegħu dak indikat fid-disa' premessa, li l-konċessjoni enfitewtika skadiet fis-sena 1977 m'huwiex żball. Tant m'huwiex żball, li fl-istess disa' premessi, kompla jiġi premess, li la darba l-konċessjoni enfitewtika skadiet fis-sena 1977, l-intimata *qua* inkwilina flimkien ma' Antonio Mifsud kien ilha tgawdi l-fond minn qabel is-sena 1979 abbażi ta' kirja.

48. Jiġi osservat minn din il-Qorti, li dak sostnut dwar l-iskadenza tal-konċessjoni enfitewtika m'huwiex bl-ebda mod konfortat bil-provi. Anzi, mill-provi in atti, kuntrarjament għal dak premess fid-disa' premessa dwar l-iskadenza tal-konċessjoni enfitewtika, jidher li dak iż-żmien il-fond kien għadu qed jiġi okkupat abbażi tal-konċessjoni enfitewtika u mhux abbażi ta' kirja goduta qabel is-sena 1979.

49. Dan jirriżulta fl-ewwel lok, mid-dokument Dok J eżebit a fol 110, fejn jirriżulta manifesatment ċar, li l-konċessjoni enfitewtika bdiet fis-17 ta' Awissu 1970 u ingħatat għal terminu ta' sbatax-il sena. Din il-Qorti ser tiċċita siltiet mill-konċessjoni enfitewtika eżebita li juru evidentement li l-konċessjoni enfitewtika ingħatat għal terminu ta' sbatax-il sena.

> *"Bis-saħħa ta' dan l-att il-komparenti Dottor Antonio Caruana qiegħed jikkonċedi in enfitewsi għal* ***sbatax il-sena*** *li jibdew mill-ħmistax ta' Awissu ta' din is-sena 1970 a favur tal-komparenti Antonio Mifsud."*
>
> *"Il-komparent Dottor Antonio Caruana jiggarantixxi l-paċifiku pussess tal-immobbli dan mogħti b'ċens għal sbatax-il sena bil-beni kollha tiegħu preżenti u futura a favur il-komparent Antonio Mifsud li jaċċetta."*

50. Fit-tieni lok, fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, Maria Grazia Caruana fit-22 ta' Frar 2022, ikkonfermat li l-intimata Josephine Mifsud flimkien ma' żewġha, illum defunt Antonio Mifsud kienet u għadha tirrisjedi fil-fond *de quo* a tenur tal-kuntratt

ta' konċessjoni enfitewtika Dok J a fol 110. Hija ikkonfermat ukoll li ma sar l-ebda kuntratt ieħor apparti dan il-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika Dok J, kif suċitat.

51. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-provi fl-atti, ma jistax jingħad li l-konċessjoni enfitewtika skadiet fis-sena 1977, peress illi huwa ċar li kellha tiskadi fis-sena 1987.

52. Għalhekk, jirriżulta ċar, li l-intimata Mifsud wara l-mewt ta' żewġha Antonio Mifsud baqgħet tirrisjedi f'dan il-fond iżda, jiġi puntwalizzat, dan seħħ **unikament** abbażi tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika (fol 110).

53. Għalkemm kif enunċjat fil-każ ċitat mill-istess rikorrenti fid-disa' premessa, u ċioe`, l-każ 130/18TA fl-ismijiet Paul Farrugia vs Avukat Ġenerali et deċiża fis-26 ta' Ġunju 2020, jekk iċ-ċens temporanju jiskadi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIII tas-sena 1979, u l-inkwilini baqgħu jgawdu l-kirja, huma d-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta li għandhom japplikaw u mhux il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ odjern, dana ma huwiex il-każ.

54. Jiġi osservat, fi datti, illi fil-każ in eżami, huwa evidenti li ċ-ċens skada fis-sena 1987 u mhux kif ippremettew ir-rikorrenti fis-sena 1977, fejn preċiżament id-data tal-iskadenza taċ-ċens hija l-**14 ta' Awissu 1987**. Konsegwentement, kif sewwa eċċepit tramite din l-ewwel eċċezzjoni preliminari u kif sottomess mill-Avukat tal-Istat, ir-relazzjoni lokatizzja ma kinitx regolata bil-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda kienet regolata bil-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

55. Fil-każ odjern ir-rikorrenti ippernjaw it-talbiet tagħhom **UNIKAMENT** abbażi tal-Kap 69 tal-liġijiet ta' Malta. Dan joħroġ ċar minn qari tal-premessi u tat-talbiet kif dedotti. Evidentement, ir-rikorrenti qed jikkontendu, bil-proċeduri odjerni, ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

56. Kif diġa' ribadit, jirriżulta li r-relazzjoni lokatizzja in kwistjoni, mertu ta' din il-vertenza, skadiet fis-sena 1987 u mhux fis-sena 1977, kif jikkontendu r-rikorrenti, u għalhekk tali relazzjoni lokatizzja mhijiex regolata bil-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

57. Għalhekk, ser tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat.

58. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqis, li m'hemmx lok li tidħol fl-istħarriġ tal-mertu tal-każ għaliex it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, ma jistgħux jintlaqgħu.

59. Għalhekk, fid-dawl tas-suespost, m'hemmx lok li jiġu kkunsidrati ulterjorment l-eċċezzjonijiet l-oħra rigwardanti l-mertu tal-vertenza in eżami. Konsegwentement, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat, u wkoll ta' dawk l-eċċezzjonijiet fil-mertu sollevati fl-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-Avukat tal-Istat.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, u tal-intimat Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad**, l-ewwel, it-tieni u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimata Josephine Mifsud.

**Tilqa'** it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-seba' eċċezzjonijiet tal-intimata Josephine Mifsud.

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat għar-raġunijiet mogħtija.

Konsegwentement,

**Tiċħad** it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, għall-motivi spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna, għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur